MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 5/1999/2

**Josephine u John Mary konjugi Grech**

**vs**

**Vincenza Mifsud mart Tarcisio kif ukoll l-istess Tarcisio Mifsud bhala amministratur tal-beni u bhala prokuratur generali ta' Mary mart George Felice, Carmelina mart John Buttigieg u l-istess John Buttigieg bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Pawlu Mifsud f' ismu proprju kif ukoll bhala prokuratur generali ta' huh George Mifsud, Katerina mart Guzeppi Fsadni u l-istess Giuseppe Fsadni bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu, l-istess Katerina Fsadni tidher ukoll bhala prokuratrici generali bhala Maria Stella Sciberras u ta' Victoria mart Robert Shanin u ta' Maria mart Daniel Davis, Pawlina Mifsud armla ta' Geraldo Mifsud, Teresa mart Guiseppe Vella u l-istess Giuseppe Vella bhal amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Alfred Mifsud f' ismu proprju kif ukoll bhal prokuratur ta' Pawla armla ta' George Bartolo u ta' Giovanna *sive***

**Jane mart Derrick Mulligan, Carmelo Mifsud, Bernardette mart Giuseppe Balzan kif ukoll l-istess Giuseppe Balzan bhala amministratur tal-beni parafernali ta' martu u Salvu Antonio u Pawlu ahwa Gauci**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Marzu, 2007, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Ic-"Chairman" tal-Bord,

Rat ic-citazzjoni in esami li biha l-atturi wara li ppremettew illi l-attrici Josephine Grech mart l-attur l-iehor John Mary sive Jimmy Grech ilha mizzewga lill-attur sa mit-13 ta' Mejju 1964;

Illi l-fond numru 52/53 Triq Marsaxlokk Zejtun ilu mikri mill-attrici mill-mewt ta' zijietha fl-1977 ghaliex zijietha Consiglia Tabone halliet b'legat lill-inkwilinat tal-fond "de quo";

Illi l-attrici taf illi l-konvenuti ottjenew sentenza ta' zgumbrament in forza ta' sentenza deciza fit-2 ta' Ottubru 1997;

Illi l-attrici hija t-titolari tal-kirja u ma kienitx parti mill-atti tal-kawza fejn inghata l-izgumbrament mentri hija kellha kull interess passiv sabiex tkun parti mill-kawza u ghalhekk is-sentenza "de quo" ma tistax taghmel stat fil-konfront taghha a bazi tal-principju illi s-sentenza m'ghadhiex effikacja fuq terzi;

Illi l-konvenuti ottjenew il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament numru 26/99 CD mahrug mill-Bord li Jirregola l-Kera fejn gie ordnat l-izgumbrament mill-fond "de quo";

Il-konvenuti jghidu l-ghaliex m’ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. jigi dikjarat u jiddeciedi illi l-mandat “de quo” ma jaghmilx stat u m’ghandux effikacja fil-konfront tal-attrici Josephine Grech;

Bl-ispejjez bir-rizerva ta’ kull azzjoni fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi (fol 2 ibid) debitament konfermata mill-attrici u li biha esponew umilment:

1. Illi l-attrici Josephine Grech mart l-attur l-iehor John Mary sive Jimmy Grech ilha mizzewga lill-attur sa mit-13 ta’ Mejju 1964;
2. Illi l-fond numru 52/53 Triq Marsaxlokk Zejtun ilu mikri mill-attrici mill-mewt ta’ zijitha fl-1977 ghaliex zijitha Consiglia Tabone halliet b’legat lill-inkwilnat tal-fond “de quo”;
3. Illi l-attrici taf illi l-konvenuti ottjenew sentenza ta’ zgumbrament in forza ta’ sentenza deciza fit-2 ta’ Ottubru 1997;
4. Illi l-attrici hija t-titolari tal-kirja u ma kenitx parti mill-atti tal-kawza fejn inghata l-izgumbrament mentri hija kellha kull interess passiv sabiex tkun parti mill-kawza u ghalhekk is-sentenza “de quo” ma tistax taghmel stat fil-konfront taghha a bazi tal-principju illi is-sentenza m’ghandhiex effikacja fuq terzi;
5. Illi l-konvenuti ottjenew il-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament numru 26/99 CD mahrug mill-Bord li Jirregola l-kera fejn gie ordnat l-izgumbrament mill-fond “de quo”.

Rat kif ukoll l-elenku tax-xhieda anness mal-istess dikjarazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti odjerni (fol 7 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi mhux korrett li kien hemm xi legat, kif premess mill-atturi, jew li tali legat jista' jkollu xi forza u effett legali fuq it-titolu ta' kera tal-fond mertu tal-Mandat de quo.
2. Illi l-attrici dejjem kienet parti fil-kawzi kollha proposti mill-konvenuti, li minnhom jemani l-Mandat Nru 26/99 CD mahrug minn dan l-Onorabbli Bord, kif ukoll f'dawk miftuha mill-atturi kif rapprezentata minn zewgha l-attur John Mary Grech skond il-ligi.
3. Illi tant kienet parti fil-proceduri kollha precedenti, li tat sehmha fl-istess u xehdet, u bl-agir taghha, jekk kien hemm bzonn, rratifikat kull nuqqas li seta' ezista.
4. Illi l-Mandat 26/99 CD, bhal ma kienu l-kawzi relatati kollha decizi precedentement, huwa effettiv effikaci u vinkolanti fil-konfront tal-attrici Josephine Grech daqs kemm huma kontra l-attur zewgha John Mary Grech.
5. Salvi eccezzjonjiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti debitament guramentata minn Joseph Balzan (fol 8 ibid) u li biha esponew bir-rispett:-

1. Illi mhux korrett li kien hemm xi legat, kif premess mill-atturi. Lanqas ma jista' jkun li titolu ta' kirja ta' dar ta' abitazzjoni jithalla b'legat f'testment b'mod kif qed jallegaw l-atturi, li jista' jkollu xi forza u effett legali fuq it-titolu ta' kera tal-fond mertu tal-Mandat de quo.
2. Illi l-attrici dejjem kienet parti fil-kawzi kollha proposti mill-konvenuti, li minnhom jemani l-Mandat Nru. 26/99CD mahrug minn dan l-Onorabbli Bord, kif ukoll f'dawk miftuha mill-atturi kif rapprezentata minn zewgha l-attur John Mary Grech skond il-ligi.
3. Illi l-attrici Josephine Grech kienet parti fil-proceduri kollha precedenti. Hija hadet sehem fl-istess u xehdet dwar il-fatt rigwardanti d-dar ta' abitazzjoni, id-dar taz-zwieg tal-atturi, mertu tal-Mandat de quo. Il-konsapevolazza w l-agir

taghha, jekk kien hemm bzonn, rratifikaw kull nuqqas li seta' ezista.

4. Illi l-Mandat 26/99 CD, bhal ma kienu l-kawzi relatati kollha decizi precedentament, ghalhekk huwa effettiv, effikaci u vinkolanti fil-konfront tal-attrici Josephine Grech, daqs kemm huma kontra l-attur zewgha John Mary Grech.

5. Ghaldaqstant t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet (fol 98 u fol 105).

Ikkunsidrat

Illi jkun opportun li, mill-bidu nett, issir referenza ghall-atti annessi mac-citazzjoni in esami u li huma dawk li gew prodotti waqt is-smiegh tar-rikors, quddiem dan il-Bord, fl-ismijiet inversi kif ukoll is-sentenzi kollha li nghataw waqt l-istess proceduri, liema sentenzi rrendew it-talba hemm specifikata bhala "res judicata" (rikors numru 47/93). Jigi notat illi l-istess proceduri waslu sal-istadju ta' Appell minn ritrattazzjoni u ghalhekk l-aktar li gew analizzati, huma l-imsemmija sentenzi sabiex jara jekk it-talba in esami ghandhiex tigi milqugha jew michuda.

Illi, fis-sentenza moghtija fis-6 ta' Ottubru 1999 mill-Qorti tal-Appell u li ddecidiet it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kaz (fol 191 et seq ibid fl-atti tar-rikors numru 47B/93, jinghad esplicitament "… li l-kerrej u l-familja tieghu (cjoe l-atturi odjerni) m'ghadhomx <u>in realta</u> jabitaw aktar fil-fond de quo (cjoe dak imsemmi fic-citazzjoni in esami) imma invece marru joqghodu f'fond iehor li gie mkabbar ukoll strutturalment …." u "F'kull kaz jirrizulta bizzejjed car … li l-post ma baqax jintuza bhala dar ta' abitazzjoni tal-inkwilin …." u effettivament kien gie pruvat illi l-attur odjern ghal diversi snin ma baqax juza l-fond in kwistjoni u ttrasferixxa <u>r-</u>

residenza tieghu u tal-familja f'post iehor (ara fol 194 u fol 195 ibid). Minn dan kollu jirrizulta b'mod car illi l-attur, flimkien ma martu, kienu ttrasferew ir-residenza taghhom f'post iehor, proprjeta tieghu, f'8 u 10, Triq Santa Monica fiz-Zejtun f'liema post kienet tabita l-istess martu mat-tifel il-kbir tal-istess atturi (ara fol 102 ibid).

Illi, fl-istess sentenza tal-Bord (ara fol 103 tal-atti tar-rikors promotur) jinghad illi l-atturi odjerni kienu qed jesegwixxu "messa in scena" sabiex jiggwadanjaw rigal ta' Lm3000, liema fatt jissemma fis-sentenzi li nghataw sussegwentement.

Illi, bhala fatt u fir-realta, l-atturi kien ilhom ma jabitaw fil-fond in kwistjoni ghal diversi snin u effettivament kienu ittrasferew ir-residenza taghhom f'post iehor.

Ikkunsidrat

Illi, issa, f'dan l-istadju, wara li gew konklusi l-proceduri kollha li bdew bir-rikors promotur quddiem il-Bord u spiccaw permezz tas-sentenza gja citata moghtija mill-Qorti tal-Appell u li kienet tirreferi ghal talba ghar-ritrattazzjoni tal-kaz, l-attrici qed tikkontendi li t-titolu, ta' kera kienet wirtitu permezz ta' testment bid-data tal-14 ta' Lulju 1963 (ara l-artikolu numru tmienja (8) a fol 51 tal-atti). L-istess attrici esebit ukoll zewg kotba kontenenti ircevuti vis-à-vis il-hlas ta' kera bl-ahhar ircevuta datata l-21 ta' Novembru 1992 (ara fol 53 ibid). Din, effettivament tghid illi l-kera kien thallas minn Jimmy Grech wahdu presumibilment l-attur. In rigward dan il-punt, dan il-Bord ma jarax li ghandu jikkonsidrah. Difatti, mill-atti kollha tal-kawza, issa deciza finalment u li ghaddiet in gudikat, hu evidenti dan il-punt bl-ebda mod ma gie sollevat u ghalhekk l-attrici ma tistax tippretendi, f'dan l-istadju tal-proceduri, illi din l-Qorti tikkonsidra l-kirja in esami bhala wahda li

intirtet mill-istess attrici permezz tat-testment hawn fuq citat u b'hekk parafernali izda l-istess kirja ghandha tigi konsiderata bhala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Ikkunsidrat

Illi, pero' hu minnu, ukoll, illi, ghal xi raguni injota, l-attrici odjerna ma kienetx parti fil-kawza ormai deciza finalment. Dwar dan, l-artikolu 237 jitkellem car fis-sens illi "Is-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza".

Illi, ghalhekk il-Qorti trid tara jekk b'xi mod, l-attrici ghandha tigi konsiderata bhala parti tramite zewgha l-konvenut fl-atti in esami.

Ikkunsidrat

Illi l-artikolu 1322 (1) jghid illi l-amminsitrazzjoni ordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti tmiss lil kull wahda mill-partijiet mizzewg. Pero' l-artikolu 1322(2) jghid ukoll illi l-amministrazzjoni straordinarja u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar l-atti li jaqghu taht din il-kategorja, tmiss liz-zewg konjugi flimkien.

Dan l-artikolu kien gie introdott fil-ligi taghna permezz tal-emendi radikali promulgati fl-1995 cjoe qabel ma kien gie intavolat ir-rikors promotur quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u dan fl-14 ta' April 1993. Ghalhekk jidher li dawn l-emendi ma kienux "in vigore" u operattivi meta l-istess rikors kien gie intavolat. Bhala konsegwenza ta' dan, il-kaz in desamina kien regolat mir-regim legislattiv precedenti. Hawnhekk il-ligi kienet cara ukoll fis-sens li l-artikolu 1318(1) kien jghid illi d-dritt li jharrek u jigi mharrek in rigward il-beni formanti parti, skond il-ligi, tal-komunjoni tal-akkwisti

> jappartjeni lir-ragel. Ghalhekk il-Qorti tara illi r-rikors promotur ghandu jigi konsiderat bhala validu skond il-ligi u konsegwentement kull att iehor sussegwenti u konness mieghu ghandu jigi konsiderat ukoll bhala validu u bhala aventi "… effikacja fil-konfront tal-attrici" odjerna ukoll. In konkluzjoni wara li dan il-Bord ma tistax ma tghidx illi c-citazzjoni in esami ma saret ghall-ebda raguni jew motivazzjoni hlief li jittawwlu inutilment il-proceduri kollha gja decizi finalment, it-talba in esami ghanda tigi michuda.
>
> Ghal dawn il-motivi ic-"Chairman" tal-Bord jichad it-talba attrici kif dedotta mill-istess citazzjoni in esami bl-ispejjes kollha jithallsu mill-istess attrici."

L-atturi appellaw minn din is-sentenza biex jitolbu r-revoka taghha. In succint, huma qed jikkwerelaw il-bazi legali li fuqha l-Bord iffonda d-decizjoni tieghu. Dan ghal motiv illi kif sottomess minnhom la darba l-appellanti Josephine Grech ma kienetx parti fil-proceduri l-ohra li wasslu ghall-izgumbrament ta' zewgha mill-fond dak il-gudizzju ma kienx jaghmel stat fil-konfront taghha. Agguntivament jissottomettu illi l-inkwilinat tal-fond kien parafernali ta' l-istess Josephine Grech;

Bi twegiba, il-konvenuti jsostnu li l-aggravji ma jregux. Huma jirpozaw dan fuq din il-bazi duplici:-

(1) Meta giet istitwita l-procedura quddiem il-Bord f' April 1993 l-Att IX ta' l-1993 li emenda l-Kodici Civili ma kienx ghadu dahal fis-sehh. La dan kien hekk r-ragel kellu d-dritt iharrek jew jigi mharrek taht ir-regim l-antik. *Ergo*, l-appellanti Josephine Grech ma tistax targomenta li hi ma kienetx parti mill-proceduri migjuba kontra zewgha;

(2) Mhix fondata l-allegazzjoni illi l-kirja kienet wahda parafernali. Ma kienx il-legat imholli lilha mill-inkwilina precedenti li taha d-dritt izzomm il-fond imma l-ligi specjali (Kapitolu 69);

Fir-ragonament tieghu preordinat ghad-decizjoni l-Bord jaghmel dawn il-riljievi:-

(i) Il-kirja ghandha tigi konsiderata bhala formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti vigenti bejn il-konjugi Grech;

(ii) L-Artikolu 1322 tal-Kodici Civili mhux applikabbli ghax meta gie intavolat ir-rikors tendenti ghall-izgumbrament fl-14 ta' April 1993, dan id-dispost tal-ligi fit-termini attwali tieghu ma kienx operattiv u allura, skond il-ligi kif kienet, id-dritt li jharrek jew jigi mharrek fil-kaz ta' beni formanti parti mill-komunjoni kien imiss lir-ragel;

Huwa evidenti ferm illi dan ir-ragonament tal-Bord hu mfassal fl-isfond tal-proceduri li ser jissemmew:-

(1) B' rikors Numru 47/93 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera l-konvenuti odjerni talbu r-ripresa tal-fond fuq il-kawzali tan-non-uso. Din l-azzjoni, finalment deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Ottubru 1997, giet istitwita kontra l-appellant John Mary *sive* James Grech biss;

(2) Ir-ritrattazzjoni minn dan proposta giet deciza fis-6 ta' Ottubru, 1999 b' ezitu negattiv ghall-istess ritrattandi. Incidentalment kien wara din id-decizjoni li l-appellati intavolaw il-mandat ta' zgumbrament (Nru. 26/99) li issa qed jigi impunjat mill-atturi appellanti;

Dan premess, huwa opportun fil-hsieb tal-Qorti, illi ssir referenza ghal atti ohra li jirrizultaw mill-inkartament tal-kaz quddiem l-ewwel Qorti;

(1) Bit-testment taghha ta' l-14 ta' Lulju 1963, atti Nutar Dottor Robert Girard, (ara kopja a fol. 48) Maria Consiglia Tabone, gja inkwilina tal-fond, halliet b' legat l-inkwilinat ta' l-istess fond lin-neputija taghha, l-attwali appellanti Josephine Grech;

(2) Hemm imbaghad a fol. 23 tal-process kopja ta' sentenza fl-ismijiet "Josephine mart James Grech -vs- Bernarda Balzan *et*", deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Marzu 1983 per Imhallef Maurice Caruana Curran fejn fiha gie stabbilit illi l-attrici (l-odjerna appellanti) kienet ghall-effetti kollha tal-ligi specjali (Kapitolu 69) titqies bhala kerrejja tal-fond in kwantu l-Qorti sabet li din kienet issodisfat ir-rekwiziti li d-definizzjoni taghti lill-kelma "kerrej" fil-kaz ta' "dar ta' abitazzjoni";

(3) Jitrapela wkoll minn din l-istess sentenza illi b' decizjoni moghtija fl-20 ta' April 1979 mill-Qorti Inferjuri (Avviz Nru. 691/77) l-appellanti James Grech gie meqjus bhala li kien qed jokkupa l-fond bla ebda titolu validu fil-ligi u ordnat jizgombra minnu;

Hi s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-finalita` tal-perkors ta' l-att introduttiv Numru 47/93, konkjuz bis-sentenza li ddeterminat ir-ritrattazzjoni mitluba mill-appellanti James Grech, ma kienetx vinkolanti fuq l-appellanti Josephine Grech ghax hi ma kienetx parti, u lanqas interveniet personalment, fil-gudizzju. Huma allura jirrespingu s-sentenza ta' zgumbrament definita mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Ottubru, 1997 bhala *res inter alios acta* ghall-appellanti Josephine Grech u, konsegwentement ukoll, jirrespingu l-effetti ezekuttivi ta' din is-sentenza bil-precitat mandat ta' zgumbrament. B' din id-deduzzjoni l-appellanti jikkollegaw ruhhom ghall-provvediment ta' l-Artikolu 237 tal-Kodici ritwali li jrid li "s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew ta' rapprezentanti legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b' dik is-sentenza." Huma, s' intendi, jirragunaw dan ghas-sostenn ta' l-assunt taghhom illi "s-sentenza ta' zgumbrament ma setghet qatt tkun ta' hsara ghal min ma kienx parti fil-kawza" ("**Gulab Chatlani -vs- George Grixti**", Appell Kummercjali, 2 ta' Dicembru 1991);

Evidentement il-qaghda guridika hi ben differenti minn kif prospettata mill-appellanti. Huwa sew maghruf illi l-*jus*

*conductionis* ta’ fond li l-mara mizzewga takkwista fil-kors ta’ zwieg jaqa’ fil-komunjoni ta’ l-akkwisti u l-amministrazzjoni ta’ din il-komunjoni kienet tmiss lir-ragel. In aggunta, kif kien l-Artikolu 1316 tal-Kodici Civili taht l-imperu tal-ligi kif kienet, anke wara l-emendi bl-Att XLVI ta’ l-1973, il-jedd li jharrek jew li jigi mharrek dwar dawk l-akkwisti jmissu lir-ragel. Isegwi illi fl-istat tal-ligi kif kienet qabel l-emendi ulterjuri apportata ghall-istess Kodici bl-Att XXI ta’ l-1993, u li dahlu in vigore wara li kienet gja nbdiet l-istanza tas-sidien quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, li l-azzjoni ta’ dawn kienet sew diretta kontra r-ragel ghax fih kienet l-amministrazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti;

Ghad li dik l-istess azzjoni kienet riferibbli ghal fond li l-appellanti Josephine Grech irceviet *ope legis* fil-vigenza taz-zwieg hi ma kellha ebda drittijiet reali fuqu jew drittijiet xorta ohra hlief dawk ta’ inkwilinat li kien jidhol fl-amministrazzjoni ta’ l-akkwisti. Proprju l-azzjoni intavolata mis-sidien kienet intiza li ggib fit-tmiem dan l-istess dritt naxxenti mil-lokazzjoni u rigwardanti t-tgawdija tal-fond li matul iz-zwieg kien jaqa’ fil-komunjoni u ghalhekk investit fir-ragel, *qua* amministratur ta’ l-akkwisti. Jikkonsegwi illi l-presenza ta’ Josephine Grech f’ dawk il-proceduri l-ohra ma kienetx talment essenzjali li n-nuqqas taghha jimporta li s-sentenza moghtija ma torbothiex;

Ankorke dik il-lokazzjoni kellha titqies beni parafernali tal-mara ta’ min ifakkar illi r-ragel kellu wkoll *locus standi* fir-rigward tal-frott u tat-tgawdija li tigi minn dik il-lokazzjoni, u dan anke ad eskluzjoni ta’ martu. Dan skond id-dispost ta’ l-Artikolu 1321 fiz-zmien anterjuri ghall-Att XXI ta’ l-1993. Ghalhekk ukoll “l-azzjonijiet li huma intizi biss biex jikkonservaw u jissalvagwardjaw id-dirttijiet li jigu minn dawk il-beni minn rapport personali ta’ lokazzjoni, u rigwardanti t-tgawdija ta’ dawk il-fondi, imissu lir-ragel, u ma jappartjenux lill-mara, sija jekk tagixxi dwarhom wahedha, sija jekk tagixxi bl-assistenza ta’ zewgha.” Ara “**Innocenzo Debattista *et* -vs- Giovanni Farrugia**”, Appell Civili, 13 ta’ Frar, 1959, ri-evokata fis-sentenza “**Maria Farrugia *et* -vs- Joseph Camilleri *et***”, Appell

Civili, 12 ta' Ottubru, 1983. Logikament, l-azzjoni setghet anke tigi diretta kontra r-ragel wahdu, u mhux ukoll in unjoni ma' martu.

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------